MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRETA MIFSUD

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 1052/2006

Mediacoop Ltd (Coop. No. 49)

vs

Antoine Auto Dealer Ltd (C-26112)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn qiedgha titlob is-somma ta' tlett mija u tlett liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm303.97), u cioe' ekwivalenti ghal seba' mija u tmien Euro u sitt centezmi (€708.06), rapprezentanti prezz ta' *sponsorship* fuq il-Capital Radio moghti lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha stess u li baqa' ma thallasx.

Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas, inkluz bl-ittra legali tal-15 ta' April, 2006, hi baqghet inadempjenti.

Illi qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekoribbli mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament, bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li ecceppiet illi l-ammont kif mitlub mhux dovut in kwantu l-kooperattiva attrici naqset milli tipprovdi s-servizz ta' *sponsorship*, lis-socjeta' konvenuta kif miftiehem;

Illi, l-kooperativa attrici trid tipprova illi s-servizz ta' *sponsorship* gie attwalment provdut kif miftiehem.

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tbati ebda spejjes ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Marcelle Demicoli, li jokkupa l-kariga ta' *Sale Director* tas-socjeta' attrici.

Jikkonferma li s-socjeta' konvenuta kellha ftehim mas-socjeta' attrici ta' reklamar, li kellha tiehu hsieb is-socjeta' attrici. Kellu jkun hemm sitt (6) reklami kuljum ghal perjodu ta' tmienja u ghoxrin (28) gurnata bejn l-4 ta' Ottubru, 2004 sal-31 ta' Ottubru, 2004.

Ix-xhud jikkonferma li kien sar dan ir-reklamar, izda s-socjeta' konvenuta kienet naqset milli thallas dan l-ammont.

Minhabba dan u stante l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, it-Tribunal kien ordna li jkun hemm l-inverzjoni tal-provi fis-sens li kien allura jisetta lil konvenut jirribatti din il-prova u ghaldaqstant, is-socjeta' konvenuta kellha tipproduci l-provi sabiex tikkonvinci lil dan it-Tribunal li l-ammont mhux dovut.

Inzammu hames (5) seduti ohra minn dakinhar u kull darba s-socjeta' konvenuta naqset milli tipproduci x-xhieda taghha, sabiex tissostanzja l-eccezzjonijiet taghha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici.

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------